MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## VERONICA GALEA DEBONO

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2011

Talba Numru. 1134/2010

GO p.l.c. (C22334).

Vs

Emanuel Portelli (Id 708255M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici qed titlob il-hlas tas-somma ta' elf, mitejn u tlieta u hamsin ewro u disa u erbghin centezmu (€1,253.49) minghand il-konvenut, in konnessjoni mas-servizzi telefonici numru 21451474 u 21454227. U minkejja li gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas, il-konvenut baqa inadempjenti. Bl-ispejjes u bl-imghaxijiet mid-data ta' l-ahhar pagament u cioe mill-20 ta' Ottubru 2008, kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondieh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba, u jikkundanna l-konvenut ihallas is-somma ta' elf, mitejn u tlieta u hamsin ewro u disa u erbghin centezmu (€1,253.49) bl-imghax kif mitlub fl-Avviz.  L-ispejjez kollha tal-kawza kif mitluba fl-Avviz ghandhom jigu ssopportati mill-konvenut.

**Avv. Veronica Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------